IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru24 (erbgħa u għoxrin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 15 ta' Settembru, 2020, fil-5.30pm

| **Preżenti:** | Il-Membri |
|---|---|
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**24.1. Item Nru 24.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

24.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.45pm u kulħadd kien preżenti

**24.2. Item Nru. 24.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

24.2.1. Bi qbil unanimu il-Minuti ser jiġu approvati fil-laqgħa suċċessiva.

**24.3 Item Nru. 24.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

24.3.1 Is-Sindku Neil Attard ippropona li jinxtraw kaxxi għall-ġrieden minn ħwienet apposta għaliex bħalissa hawn problema kbira. Kulħadd qabel li jinxtraw ammont ta' kaxxi.

24.3.2 Is-Sindku qal nhar il-Ħamis l-1 t' Ottubru għandna laqgħa mas-Sur Ramon Deguara dwar ir-railing tax-Xatt. Il-Kunsilliera huma mistiedna li jattendu.

24.3.3 Is-Sindku qal li bħala bankini li żgur għandhom bżonn li jinqalgħu u jsiru mil-ġdid huma dawk ta' Triq Karmelo Ritchie speċjalment mil-ħanut tal-merċa sal-kantuniera ta' Triq il-Fortizza ta-Grazzja, Triq Ras il-Ġebel u partijiet minn Dawret ix-Xatt. Għalhekk ser ingibu stima ta' kemm ser jiswew u nibgħatuhom lil Infrastructure Malta għall-approvazzjoni.

24.3.4 Is-Sindku ippropona li jsir rapport għand il-Pulizija permezz ta' email fuq il-periklu tal-gate tal-Kunsill. B'hekk ikun hemm dokumentat qabel issir il-manutenzjoni meħtieġa mil-Awtorita tal-Artijiet. Kulħadd qabel ma' dan.

24.3.5 Is-Sur Attard tkellem dwar it-tender tal-Knis li għandu jiġi ppublikat f' Ottubru. Għalhekk ippropona li ssir laqgħa apposta biex jiġu ffinalizzati l-kundizzjonijiet. Kulħadd qabel ma' dan.

24.3.6 Is-Sindku qal li nerġgħu nibgħatu reminder lil Perit Charles Buhagiar dwar il-BOQs tal-pitch tal-Boċċi issa li ilna nistennewhom xhur. Kulħadd qabel ma' dan.

24.3.7 Is-Sur Attard qal li s-sala ta' isfel tinsab bla użu u għalhekk naraw kif nitkellmu dwar il-possibilta li tiġi mikrija lil Privat. Sar qbil li dan is-suġġett jiġi diskuss f'laqgħa apposta għalih.

24.3.8 Is-Sindku ippropona biex inġibu stimi ta' tiżjin tat-toroq għal żmien il-Milied.

24.3.9 Is-Sindku ippropona li ssir lampa ġdida fi Triq Carmelo Penza għaliex il-parti ta' fuq hemm nuqqas ta' dawl.

24.3.10 Is-Sindku tkellem fuq il-Bye law li għandna noħorġuha bħal ta' Marsascala. Kulħadd qabel.

**24.4 Item Nru 24.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

24.4.1 Is-Sa. Rosabelle Pulis staqsiet dwar il-culvert ta' Wesgħet il-Ħelsien meta ser isir. Is-Sindku qal li dan ser napplikaw għal Development Funds.

24.4.2 Is-Sa. Pulis staqsiet jekk nistgħux nagħmlu z-zebra crossing taħt il-Joe Joes bar propju fil-Kantuniera ta' Dawret ix-Xatt ma' Triq iċ-Ċern. Is-sindku qal li ser inqabdu lil Koptasin biex issir.

24.4.3 Is-Sa. Rosabelle Pulis staqsiet jekk tistax issir tabella oħra ta' No Entry for heavvy vehicles fi Triq iċ-Ċern. Is-Segretarju qallha li ser teħel oħra għal min ikun ġej minn naħa tal-Milord.

24.4.4 Is-Sur Anthony Valvo staqsa jekk il-cameras ta' fejn il-Joe Joes humiex jaħdmu. Is-Sindku qallu li ta' max-Xatt le pero mhux ser jitħallas min waħħalhom.

24.4.5 Is-Sa. Doris Borg staqsiet jekk jistax isir xogħol ta' manutenzjoni f'Fort Park għaliex it-tabella reġgħet niżlet u hemm xi skart. Is-Segretarju qal li ser jitqabbdu l-ħaddiema assenjati għal dan ix-xogħol.

24.4.6 Is-Sa. Borg staqsiet jekk tistax tinġibet l-attenzjoni lil Kuntrattur li qed jagħmel it-toroq sabiex ma jħallix ħafna skart ta' terrapin warajh. Is-Segretarju qal li ser ikellem lil Inġinier Tolga Yalcin.

24.4.7 Is-Sa. Borg staqsiet nistgħux inkellmu lil Kuntrattur ELC sabiex jiżbor is-siġar ta' Triq l-Iskola għaliex igguffaw ħafna.

24.4.8 Is-Sa. Borg staqsiet jekk tistax issir bozza ġdida fi Triq l-Iskola kantuniera ma' Triq Dwardu Ellul. Kulħadd qabel li napplikaw għal bozza ġdida.

24.4.8 Is-Sur Valvo staqsa jekk tistax issir tabella ta' No Entry Un/Loading fis-slip way tal-Patrijiet. Is-Sindku qallu li ser niċċekkjaw għandnix fil-garage u ssir mil-ħaddiema assenjati.

24.4.9 Is-Sur Camilleri staqsa fiex wasalna fuq il-Bus Shelters. Is-Segretarju qal li kif kienu wegħduna ser isiru fil-Bidu tas-sena 2021.

24.4.10 Is-Sur Valvo staqsa dwar il-mobile toilets ta' fejn il-Milord meta ser jitneħħew. Is-Sindku qal li sal-aħħar ta' Settembru.

**24.5 Item Nru. 24.5 fuq l-Aġenda – Rapporti Finanzjarji**

24.5.1 Ir-Rapport Finanzjarju ser jiġi diskuss u approvat fil-laqgħa suċċessiva.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

**24.6 Item Nru. 24.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

24.6.1 Is-Segretarju ipprezenta rapport ta' ħsara fuq vettura li allegatament saret ma' ħofra li infetħet max-xogħol tal-Kuntrattur tat-toroq u l-Kunsill qabel li din tingħadda lil Infrastructure Malta.

24.6.2 Is-Segretarju ippreżenta talba biex isir internet banking li nkunu nistgħu ngħaddu pagamenti online minħabba li biċ-ċekkijiet ser jibda jkun hemm ħlas minn l-1 ta' Settembru. Kulħadd qabel li issir l-applikazzjoni u jkunu s-Sindku u Segretarju bħala firmatarji.

**24.7 Item Nru. 24.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

24.7.1 Pagamenti b'numru 96 ġew approvati unanimament.

**24.8 Item Nru. 24.24 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

24.24.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**24.9 Item Nru. 24.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

24.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.20pm

Aġġornament għal-nhar il-Erbgħa 14 ta' Ottubru, 2020 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| ______________________ | ______________________ |
| Ranier Busuttil | Neil Attard |

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269
E-Mail xghajra.lc@gov.mt